MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2734/1999/1

**Saviour Camilleri**

**Vs**

**Carmel Camilleri**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attur u l-konvenut huma d-detenturi attwali in solidum bejniethom tar-raba maghrufa In-Nadur, fil-limiti taz-Zurrieq, li huma jikru minghand il-Gvern ta' Malta u jinsab registrat mill-Kummissarju ta' l-Art bhala Tenement Numru tmien mija u sittax (816);

Premess illi l-attur irid li ssir bejnu u bejn il-konvenut id-divizjoni tar-raba fuq imsemmi ghall-iskop li jigi stabbilit liema huma l-porzjonijiet li ghandhom ikomplu jiddetjenu u jgawdu ‘l wiehed u l-iehor rispettivament;

Premess illi l-konvenut mitlub jersaq biex issir tali divizjoni, baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. id-dikjarazzjoni li l-partijiet kontendenti huma d-detenturi attwali in solidum bejniethom tar-raba maghrufa In-Nadur, fil-limiti taz-Zurrieq, hawn fuq riferit;

2. tordna d-divizjoni ta’ dan ir-raba f’zewg porzjonijiet, bl-opera ta’ perit nominand u tassenja lill-attur u lill-konvenut il-porzjoni li tkun tispetta lil wiehed u lill-iehor rispettivament;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 7 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi ma hux minnu dak allegat mill-attur fl-atti tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi u cioe’ illi l-kontendenti huma detenturi in solidum bejniethom tar-raba maghrufa In-Nadur fil-limiti taz-Zurrieq peress illi l-kontendenti kienu qasmu bonarjament l-beni kollha derivanti mill eredita tal-genituri taghhom n segwitu ghal mewt ta’ ommhom fis-sena 1985 nkluz l-ghalqa mertu tal-kawza odjerna sabiex kull wiehed mitt tlett ulied u cioe’ l-kontendenti flimkien ma huhom l-iehor Alfred, ha porzjon diviz mill-ghalqa u dan kif jirrizulta f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghall liema raguni din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi n linea mal fuq espost, it-talba attrici hija preskritta bid-dekorriment tal-perjodu ta' ghaxar snin, u dan skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota a fol. 72 li permezz taghha l-konvenut ikkjarifika t-tieni eccezzjoni tieghu fis-sens li l-artikolu tal-ligi invokat minnu huwa l-artikolu 845 u l-artikolu 2140 tal-Kodici Civili.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jitlob id-divizjoni tar-raba maghruf bhala n-Nadur, fil-limiti taz-Zurrieq, li qed jidditjeni n solidum mal-konvenut, f'zewg porzjonijiet bejniethom. Huwa xehed li huma ma kienux qasmu l-ghalqa, imma fil- 1981, erba snin qabel mietet ommhom, kienu hadu f'isimhom l-kiri ta' l-ghalqa in solidum bejniethom Dok. A fol. 21. L-ghalqa kienet wirt tal-genituri. Missieru miet fil-1982.

Minn naha l-ohra l-konvenut qed isostni li l-qasma effettivament saret aktar minn hmistax il-sena ilu u kullhadd kien kuntent. L-attur u huh Alfred kienu juzaw il-parti taghhom u hu kien juza l-parti tieghu u dana fuq qsim li kien diga jezisti u accettat mill-attur. Kullhadd kellu l-parti tieghu ghalkemm ghall kacca u nsib, bhal ahwa, kienu juzaw l-art kollha. L-attur kien anke bena kamra u ghamel mansab fil-parti tieghu. L-ghalqa ddeciedew li jaqsmuha f'porzjonijiet kif qabel kienu ghand iz-zijiet. Iz-zijiet kienu tlieta, u huma qasmu r-raba f'tliet porzjonijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Tieni eccezzjoni**

Illi r-raba nkwistjoni hu mikri minghand il-Gvern u ghalhekk skond l-artikolu 2118 tal-Kodici Civili ma timxiex preskrizzjoni u konsegwentement it-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

**Mertu**

Skond Raymond Demicoli l-partijiet huma l-inkwilin ta' dina r-raba u qeghdin hekk solidum ghalkemm kull inkwilin ihallas sehemu u tinhareg ricevuta ghall kull wiehed fuq il-parti tieghu.

Martin Bajada xehed li r-raba kienet inkriet bejn l-ahwa kollha. L-art kienet originarjament ghand missierhom u mbaghad ghaddiet f'idejn it-tfal cjoe il-partijiet.

Alfred Farrugia xehed li skond ir-*records* taghhom Carmel Camilleri ghandu tomnejn u siegh raba registrata bhala Nadur limiti Zurrieq mentri Saviour Camilleri ghandu tomna u 5 kejliet. Kull wiehed ghandu l-parti tieghu ghalkemm fid-dipartiment m'ghandhomx pjanta u ftehim ta' kif sar il-qsim bejniethom.

Illi jirrizulta li l-partijiet kienu ghamlu d-divizjoni tal-wirt kollu tal-genituri taghhom. Il-konvenut jippretendi li r-raba nkwisjtoni kienet inqasmet ukoll mentri l-attur jghid li dan ir-raba ma kienx parti mill-qsim. Il-Qorti pero' ma ssibx li hu verosimili li jinqasam il-wirt kollu u tithalla biss din il-bicca raba u dana ghas-segwenti ragunijiet.

Mill-provi prodotti jirrizulta li kienet saret qasma ukoll ta' dina r-raba a bazi ta' kif kienet maqsuma ghand iz-zijiet qabel. Iz-zijiet kienu tlieta u l-partijiet kienu tlieta, l-attur, il-konvenut u huhom Alfred Camilleri li sussegwentement ceda sehemu lill-konvenut.

Il-konvenut xehed li dan ir-raba kien suggett ta' divizjoni ohra da parti ta' l-antenati taghhom u kien maqsum fi tlieta u kienu individwalizzawhom minn porzjoni ghall ohra billi kienu laqqmuhom bicca ta' missieru, bicca taz-ziju Muse, u l-ohra taz-ziju Guzepp. Peress illi kienu tlieta biss

interessati f'dana r-raba u peress illi dan kien diga' maqsum fi tlett porzjonijiet ugwali ntlahaq ftehim u qablu li jhallu r-raba maqsum fl-istat li kien jinsab u ai fini tal-qsim semmuhom Part 1, Part 2 u Part 3 u ftehemu wkoll li l-isem fosthom li jitla' l-ewwel jaghzel hu l-parti li xtaq. Kullhadd ha sehemu u kien kuntent biha u damu madwar (15) hmistax-il sena kulhadd jiehu hsieb il-bicca tieghu. Imbaghad Alfred kien iddecieda li jcedi l-parti tieghu u hu ddecieda li jixtriha. Kien avvza lid- Dipartiment tal-Lands u dawn irrikonoxxuh (Ara xhieda konvenut a fol. 30).

Jirrizulta wkoll li kien hemm mument minnhom meta anke l-attur kien ser icedi sehemu lill-konvenut izda ma kienx intlahaq ftehim fuq il-prezz. Ghalhekk l-attur ma jistax jghid li ma kienitx saret qasma jekk hu kien jaf x'kienet il-parti tieghu u l-prezz li kien qed jitlob biex icedi sehemu. Hu zgur li ma setghax ibiegh xi haga li mhiex tieghu.

Il-qasma kienet saret bejn it-tliet ahwa. Kieku l-qasma ma saritx, allura dina trid issir bejn il-werrieta kollha u mhux mal-konvenut biss.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut irrnexxilu jipprova li effettivament kienet diga' saret qasma tar-raba u dina kienet konklussiva u giet accettata mill-partijiet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, spejjez ghall-konvenut
tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur izda tichad it-tieni talba tieghu
bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------